MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 250/2010

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fis-7 ta' April 2001 (ara Dok. A hawn anness);

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Dicembru 2008 ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia (Dok. B hawn anness);

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu (ara Dok. C hawn anness);

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (ara Dok. C hawn anness);

Illi ghalkemm l-intimat ma kienx interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Tiddikjara illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (ara Dok. C hawn anness);

Tiddikjara illi ghalkemm l-intimat ma kienx interdett jew marid mohhu, ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Tiddikjara ghalhekk illi l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi, fl-ewwel lok, l-esponenti jirrespingi l-ewwel talba attrici, stante li mhux minnu illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tieghu, b’dan illi mix-xorta taghha din fixklet serjament il-hajja mizzewga;

Fit-tieni lok, l-esponenti jaqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar is-7 ta’ April elfejn u wiehed (2001), huwa null u bla effett legali, u konsegwentement, jigi hekk dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, izda mhux ghax il-kunsens tieghu biss, kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, izda peress li l-kunsens taz-zewg partijiet kien hekk vizzjat, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi;

Illi fit-tielet lok, l-esponenti jaqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar is-7 ta’ April elfejn u wiehed (2001), huwa null u bla effett legali, u konsegwentement, jigi hekk dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, u dan peress illi l-kunsens tieghu kien vizzjat peress li inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi fir-raba’ lok, l-esponenti jaqbel illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar is-7 ta’ April elfejn u wiehed (2001), huwa null u bla effett legali, u konsegwentement, jigi hekk dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, u dan peress illi ghalkemm ma kienx interdett jew marid b’mohhu ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti nhar is-7 ta’ April elfejn u wiehed (2001), huwa null u bla effett u konsegwentement ghandu jigi hekk dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi konsegwentement, l-intimat m’ghandux ibati spejjez.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f’din il-kawza zzewgu fis-sena 2001. Tfal ma kellhomx. L-intimat kien gej minn ambjent difficli li halla fuqu diversi effetti ta’ natura psikologika. Dan jirrizulta mill-hafna provi prodotti f’din il-kawza, partikolarment ix-xhieda tal-psikologa li segwiet lill-istess intimat meta beda l-inkwiet fiz-zwieg u li wasslet ghall-konkluzjoni li l-esperjenza ta’ tfulitu, partikolarment id-distakk estrem ta’ omm, il-problema tal-alkolizmu ta’ missieru wasslu ghall-atteggjament minnu assunti fil-konfront ta’ kull min kellu relazzjoni mieghu.

Mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti hi tal-fehma illi r-rikorrenti rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi l-intimat kien tassew soggett ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju a tenur tal-Art. 19 (1) (d), dan fid-dawl tal-insenjament ta’ dawn il-Qrati.

“*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical*

*reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (<u>autonomia</u>) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*", ("**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-10 ta' Settembru, 1997).

Dan stabbilit, il-Qorti ma tarax il-bzonn li tistudja ukoll il-kawzali l-ohra invokati mir-rikorrenti.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' April 2001 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------